MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 1624/1997/1

**Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentantrici tas-socjeta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Erminia Mallia u b'nota tas-6 ta' Mejju 2003 is-socjeta GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Erminia Mallia assumiet l-atti**

**Vs**

**Charles Palmier personalment u ghan-nom tad-ditta Anvil Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine talbet sabiex il-konvenut pro et nomine jghid il-ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici bhala konsegwenza ta’ incident li sehh fil-5 ta’ Mejju 1996 meta l-vettura tal-marka Fiat Bis numru ta’ registrazzjoni F-8522 waqt li kienet fil-garage tal-istess konvenut u taht il-kustodja tieghu giet danneggjata bi hruq bir-rizulta li sussegwentement giet dikjarata bhala beyond econimical repair.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta’ seba mitt lira Maltin (Lm700.00,0) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tat-13 ta’ Mejju 1997, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, in sintesi, is-socjeta attrici nomine ipproduciet is-segwenti provi;

a) Joseph Buttigieg (fol 13 sa fol 16 tal-istess atti) spjega li kien gie inkarigat mis-socjeta attrici sabiex jesamina, bhal “surveyor”, il-karozza numru F 8522 tal-marka “Fiat Bis” u kien ra li din kienet kompletament mahruqa u fi kliemu stess, “total loss”. Hu kien stabilixxa, ukoll, li l-istess vettura kellha valur ta’ Lm700 qabel ma inharqet waqt li dak li fadal minnha kien bla valur.
b) L-istess assikurata, Erminia Mallia (fol 21 u fol 22 ibid) spjegat li l-vettura in kwistjoni kienet ghand “panel beater’ u sussegwentement kienet ittiehdet ghand “sprayer” minhabba riparazzjonijiet wara incident awtomobilistiku. Difatti jidher li din il-vettura kienet inharqet meta kienet ‘x’imkien Kordin’ ghal-‘spray’. Inoltre hi konfermat li kienet

giet risarcita, ghad-danni konsegwenzjali ghall-istess nar, fl-ammont ta’ Lm700.
c) PS 1382 Joseph Agius (fol 23 sa fol 27 et seq ibid specifika li n-nar in kwistjoni kien sitwat fil-Qasam Industrijali ta’ Kordin fil-fabrika Anvil Limited aventi n-numru tlieta (3) u f’post iehor bl-isem ta’ “J and M Furniture“ aventi n-numru erbgha (4). In rigward dak li gja fl-imsemmija fabrika, jidher li, kienu nhargu, go fiha, zewg “speedboats” kif ukoll karozza. Mill-istess rapport (a fol 26) jidher, ukoll, li fl-istess incident, kien hemm hsara kawzata, ukoll, f’fabrika ohra bl-isem “Bovist” aventi n-numru 24.
d) A fol 41 et seq ibid tinsab annessa kopja tal-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti. Minn dan id-dokument li jikkostitwixxi prova, jidher li n-nhar in kwistjoni origina fl-intern tal-fabrika numru 3 mikrija lill-konvenut odjern ossija “Anvil Limited” bis-‘seat of fire” vicin il-bieb ta’ wara tal-imsemmija fabrika, liema bieb kien gie espost ghal fjammi minn naha ta’ gewwa tal-istess fabrika. Jigi notat li gie esklus li n-nar origina fil-vettura in kwistjoni waqt li gie indikat bhala ‘mhux probabbli’ li l-istess nar origina fil-kwantita kbira ta’ laned ta’ zebgha u “thinner’ li kienu sitwati fejn gie identifikat is-‘seat of fire’, kif hawn fuq spjegat. Hawnhekk, gie sottolineat illi “….l-inizjoni f’dan il-kaz saret minhabba electrical fault fil-cables ….’ Sitwati fuq in-naha ta’ wara ta din il-fabbrika. Difatti, ‘cable instab li kien maqtugh u bit-tarf imdewweb, kawzat minn ‘short circuit elettriku’ Ghalhekk kien gie eskluz li dan in-nar kien ta’ origini doluza.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tal-konvenut pro et nomine ma giet sottomessa ebda prova (ara dak verbalizzat f’dan ir-rigward, a fol 12 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi minn kif gie intavolat l-avviz in esami, jidher li s-socjeta attrici nomine qed titlob id-danni ‘per suroga’ a basi tal-premess u in rigward il-vettura appartenenti lill-assikurata tas-socjeta attrici nomine u dikjarata bhala ‘total loss’.

Illi mill-avviz in ezami ma hux car jekk is-socjeta attrici nomine qed titlob dawn id-danni fuq basi kuntrattwali jew delittwali. Pero' l-Qorti, hawnhekk, qed tippresumi li filfatt is-socjeta attrici nomine qed titlob l-istess danni fuq basi delittwali, u mhux kontrattwali, u dan skond l-artkolu 1029 sa 1051 tal-Kodici Civili. A basi tal-istess hu impost fuq is-socjeta attrici nomine li tipprova bhala fatt li n-nar li kkaguna l-hsarat fil-vettura tal-assikurata kien risultat ta' "culpa" da parti tal-konvenut skond kif stipulat fl-artikolu 1031, 1032 u 1033 tal-istess Kodici waqt li jinghad li ebda persuna ma ghandha tigi ritenuta responsabbli f'kaz ta' a fortutous event jew 'in consequence of an irresistible force". Fil-kaz in desamina u fid-dawl tal-provi prodotti sallum, jidher li in-nar origina minhabba 'short circuit elettriku' ossija 'electical fault fil-cables', kif di gja gie premess. Mill-istess provi ma jidhirx li gie pruvat li effettivemant, dan kien kawzat minn xi forma ta' negligenza, da parti tal-konvenut pro et nomine. Difatti, fuq basi ta' probabbilta, dan il-fatt seta' kien risultat ta' <u>kaz fortwitu ossija forza magguri</u> kif indikat fit-tielet eccezzjoni sottomessa mill-konvenut pro et nomine. Ghandu jigi enfasizzat li f'dawn il-kazijiet ghandu jigi pruvat li l-konvenut jew <u>bl-agir jew b'ommissjoni</u> da parti tieghu ikkaguna hsarat li kien <u>prevedibbli u evitabbli</u> skond ic-cirkostanzi. Ghalhekk, fid-dawl ta' dan din il-Qorti ma tistax takkolji t-talbiet attrici minghajr il-htiega li tiddeciedi l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess socjeta attrici nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------